MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 319/2006

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Mario Bonnici nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Settembru 1996 minn liema zwieg kellhom zewgt itfal u cioe' D u E.

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attrici u dan minhabba li din qabdet u abbandunat lil zewgha u lil uliedha minuri u telqet tghix barra minn Malta ma' terza persuna li jigi z-ziju tar-rikorrenti.

Illi nbdew il-proceduri ghall-medjazzjoni, pero’ minhabba li l-mara hija assenti, l-attur b’ digriet tal-21 ta’ Awwissu 2006 numru 1285/06NC gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenuta.

Illi minhabba li l-konvenuta hija assenti, ir-rikorrenti pprezenta rikors fejn talab li jigu mahtura kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-martu assenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba abbandun;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri f’ idejn ir-rikorrenti;

3. Tordna lill-konvenuta tivvaka mill-fond matrimonjali, liema fond ghandu jibqa’ abitat esklussivament mill-attur u uliedu.

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenuta m’ ghandha l-ebda dritt fuq l-istess akkwisti.

5. Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha ta’ l-artiklu 48 u 50 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan fejn applikabbli.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-kuraturi deputati nformaw lill-Qorti li ma kienux ghadhom edotti bil-fatti, u rrizervaw li jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn martu ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Settembru 1996 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt-it tfal, D u E, li llum ghandhom circa hdax [11] u disa' [9] snin rispettivament.

Jirrizulta mhux kontraddett li, meta z-ziju ta' l-attur, li kien jghix l-Ingilterra gie ghal btala Malta, nibtet relazzjoni extra matrimonjali bejnu u bejn il-konvenuta assenti, mart l-attur. Eventwalment fis-7 ta' Awissu 2006 il-konvenuta telqet mid-dar konjugali, u abbandunat lill-attur u liz-zewg uliedha, biex marret tghix maz-ziju barra minn Malta. Ulied il-partijiet baqghu jghix ma' l-attur.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**
Illi mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-konvenuta assenti, mart l-attur, kienet telqet fis-7 ta' Awissu 2006 mid-dar konjugali u abbandanut lilu u liz-zewg uliedhom sabiex tmur tghix barra minn Malta fi stat ta' konkubinagg maz-ziju ta' l-attur, u minn dak in-nhar ma kkomunikatx aktar ma' zewgha u mat-tfal taghhom.

Illi ghalhekk mill-kwadru premess, ghalkemm ma jikkonfigurax l-abbandun fit-termini ta' l-artikolu 41 stante li jonqos ir-rekwizit taz-zmien, izda jikkonfigura l-adulterju fit-termini ta' l-artikolu 38 ta' l-imsemmi Kap., stante li r-relazzjoni extra matrimonjali li zviluppat fi stat ta' konkubinagg ta' martu ma' ragel iehor hija prova gravi, preciza u konkordanti ta' l-adulterju da parti taghha.

Mill-banda l-ohra ma jirrizulta xejn mill-provi li jista’ jitfa’ xi htija fuq l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment, u dan bi htija unika tal-konvenuta assenti li bl-azzjonijiet taghha rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju u attirat is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. precitat

**Kura u Kustodja**
Illi ma hemmx dubju li, huwa fl-interess tal-minuri, li l-kura u kustodja taghhom tigi fdata esklussivament f’ idejn l-attur li, nonostante li marti telqet mid-dar, huwa baqa’ jiehu hsiebhom, u baqghu jghixu mieghu.

L-access taghhom favur l-omm, u l-modalita’ tieghu, qed jigu rizervati sabiex jigu decizi fuq applikazzjoni ad hoc da parti taghha.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti biss f’ effetti mobbli u depoziti bankarji; u d-dar matrimonjali numru 29 Jopaul Triq il-Folklor, Birzebbugia hija proprjeta’ parafernali ta’ l-attur.

*Kontijiet Bankarji*
Illi minn-nota prezentata mill-attur jirrizulta li hemm tlett kontijiet bankarji mal-HSBC li huma fuq isem il-minuri, u li minnhom il-konvenuta gibdet is-somma ta’ Lm1,400 mill-Kont Karus 013179783051 li qieghed fuq isem il-minuri E.

Il-Qorti tikkunsidera li gjaladarba il-partijiet kienu ddecidew li jifthu dawn il-kontijiet fuq uliedhom, allura l-probabbilita’ hija li l-ftehim taghhom kien fis-sens li dawn il-flus jibqghu fil-bank sabiex jaghddu ghand l-ulied meta dawn isiru maggjorenni. Ghaldaqstant l-konvenuta ma kellha ebda dritt li, minghajr ma tajt lill-attur, tigbed ghall-iskopijiet taghha l-imsemmija somma ta’ Lm1,400.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tordna li l-konvenuta tirrestitwixxi din is-somma sabiex titpogga fil-kont precitat; u l-kontijiet li qedin fuq isem il-minuri jibqghu fuq isimhom,

izda jigu amministrati unikament mill-attur li huwa fdat bil-kura u kustodja taghhom.

]

*Effetti Mobbli*
Illi l-attur ipprezenta nota esebita a fols.38 u 39, u li qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici A] li fiha huwa ndika l-proprjeta' parafernali tal-partijiet, kif ukoll il-proprjeta' tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tordna:
[1]li l-partiti elenkati, bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, tenut kont tan-natura taghhom, fl-assenza ta' qsim bonarju, dawn ghandhom jigu valuati u jinqassmu skond il-valur taghhom f' zewg porzjonijiet sabiex wahda tinghata lill-attur u l-ohra tigi konsenjata lill-konvenuta;

[2]il-partiti proprjeta' parafernali ta' l-attur jibqghu fil-pussess tieghu;

[3]il-partiti ndikati bhala proprjeta' parafernali tal-konvenuta jibqghu fil-pussess ta' l-attur, sakemm tigi l-konvenuta ghalihom, f' liema eventwalita' huwa jkun obbligat li jikkonsenja minnufih dawn l-oggetti lill-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenuta assenti;
[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";
[3] tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lill-attur jibqa' jabita ma' uliedu fid-dar fuq indikata, ad eskluzzjoni tal-konvenuta;
[4] tilqa' r-raba talba fis-sens li tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti"

[5] tilqa' il-hames talba u tapplika fil-konfront tal-konvenuta assenti l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------